

Ix-xogħol iddikjarat huwa ta' beneficiċċju għal kulħadd!



Int ħaddiem(a)?

Xi jfisser xogħol iddikjarat?

- Protezzjoni u beneficiċċji: pensjoni, assigurazzjoni soċjali, kura tas-saħħa, *leave* imħallas, u protezzjoni kontra sensja inġusta jew ksur ieħor tal-liġi tax-xogħol.
- Flas regolari tal-pagi, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u taxxi rilevanti.

Qed naħdem b'mod iddikjarat? Iċċekkja din il-lista

Għandu jkollok...

- **Kuntratt ta' impjieg** li jindika l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-obbligi u d-drittijiet, informazzjoni dwar l-impjegatur u min hu responsabbli għall-flas tiegħek.
- **Paga regolari** aġġustata għas-sigħat tax-xogħol li saru, sahra, żidiet speċjali (eż. għal xiftijiet ta' bil-lejl jew festi pubbliċi).
- **Protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni** bbażata fuq is-sess, il-ġeneru, ir-reliġjon, in-nazzjonalità jew l-etniċità fuq il-post tax-xogħol.
- **Dritt għal pawżi**, vaganzi u ġranet ta' *leave*.
- **Dritt ta' leave minħabba mard** kif ukoll li tkun protett(a) f'każ ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard ikkaġunat mix-xogħol.
- **Reġistrazzjoni fis-sistema tas-sigurtà soċjali** eż. għall-pensjonijiet, il-qgħad, il-kura tas-saħħa.
- **Dritt tar-rappreżentanza**, is-sħubija f'union u għall-istrajk.
- **Flas regolari ta' kontribuzzjonijiet** eż. kontribuzzjonijiet tal-pensjoni.

Għandek negozju?

Timpjega jew qed tippjana li timpjega xi ħaddiema?

Xi jfisser xogħol iddikjarat?

- Il-konformità mar-regoli u r-regolamenti tax-xogħol; l-għoti lill-ħaddiema tad-drittijiet li huma intitolati għalihom.
- L-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta bejn in-negozji.
- Il-bini ta' ambjent tax-xogħol stabbli u motivat, li jwassal għal post tax-xogħol produttiv.
- L-evitar ta' sanzjonijiet, multi, imposti u riskji għar-reputazzjoni.



Bħala sid ta' negozju u impjegatur, għandek...

- Toqgħod attent(a) għall-kundizzjonijiet tal-impjeg stabbiliti fir-regolamenti ta' pajjiżek. Iċċekkja li:
 - ▶ tikkonforma mar-regoli nazzjonali tiegħek ta' negozjar kollettiv għall-pagi u l-ispejjeż imnaqqsa;
 - ▶ tħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali skont ir-regoli;
 - ▶ toħroġ il-payslips b'mod korrett;
 - ▶ tiżgura *leave* minħabba mard jew *leave* tal-maternità u *leave* annwali/ta' festi nazzjonali/btajjel pubbliċi/vaganzi skont ir-regolamenti rilevanti.
- Tirreġistra lill-ħaddiema rreġistrati tiegħek, is-sigħat tax-xogħol tagħhom li saru u l-informazzjoni kollha dwar il-ħlasijiet, skont ir-regoli nazzjonali u tal-UE applikabbli.
- Timplimenta r-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li tipprovdi ambjent sikur għall-ħaddiema tiegħek.
- Tiżgura li l-impjegati tiegħek għandhom id-dritt li jaħdmu legalment f'pajjiżek.

Jekk għandek negozju u m'intix ċert dwar ir-regoli ta' pajjiżek dwar ir-reklutaġġ legali ta' ħaddiema, tista'...

- Tikkuntattja l-ispettorat tax-xogħol lokali tiegħek.
- Tikkuntattja l-organizzazzjoni nazzjonali u/ jew lokali ta' impjegaturi tiegħek.
- Tikkuntattja l-istituzzjonijiet kompetenti għar-regoli tax-xogħol u għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

Tista' titqies bħala ħaddiem(a) mhux iddikjarat(a) jekk...

*Tiĥallas fi flus kontanti
mingħajr kuntratt – dan jiġi
xogħol mhux iddikjarat*

Jekk m'għandekx kuntratt bil-miktub u l-impjegatur tiegħek iħallsek fi flus kontanti, mingħajr ma jirreġistra x-xogħol tiegħek jew iħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali, allura qed taħdem b'mod mhux iddikjarat.

*Parti mill-paga tiegħek
tiĥallas fi flus kontanti –
xogħol sottodikjarat*

Jekk l-impjegatur tiegħek jiddikjara biss parti mis-siġhat tax-xogħol tiegħek, u jħallas il-bqija fi flus kontanti, qed taħdem b'mod sottodikjarat. Dan jinkludi sahra mhux iddikjarata u xiftijiet żejda. Jista' jidher konvenjenti, iżda jnaqqas id-drittijiet tiegħek u jħallik mingħajr prova legali sħiħa tal-ħidma.

*Taħdem għal rasek imma
tiġi ttrattat bħal impjegat –
ekonomikament dipendenti b'impjieg
indipendenti*

Jekk inti rreġistrat bħala ħaddiem(a) indipendenti imma taħdem taħt il-kontroll ta' manijer, taħdem numru fiss ta' siġhat, jew tiddependi fuq klijent wieħed, jista' jkun li għandek xogħol indipendenti fittizju. Dan ifisser li tiġi ttrattat(a) bħal impjegat mingħajr drittijiet jew protezzjoni. F'ċerti pajjiżi, anke jekk inti rreġistrat(a) bħala ħaddiem(a) indipendenti, tista' titqies bħala impjegat bi drittijiet sħaħ tax-xogħol, speċjalment meta xi ħadd jidderieġi x-xogħol tiegħek, jistabbilixxi l-paga tiegħek, u int twettaq ix-xogħol personalment.

X'tista' tagħmel?

1. Ikkuntattja l-ispettorat tax-xogħol lokali tiegħek

L-ispettorati u l-organizzazzjonijiet tax-xogħol jikkontrollaw u jispezzjonaw in-negozji. Dawn jistgħu jagħtuk pariri dwar kif tirrapporta xogħol mhux iddikjarat. L-ispettorati tax-xogħol spiss jipprovdu informazzjoni dwar id-dritt tiegħek li titlob kwalunkwe paga mhux imħallsa, f'konformità mad-drittijiet tal-UE.

2. Ikkuntattja trade union

It-trade unions jirrappreżentaw lill-ħaddiema, jippromwovu drittijiet u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar. Huma jieħdu sehem fi djalogo mal-organizzazzjonijiet ta' impjegaturi. Ikkuntattja lit-trade union lokali tiegħek jew lir-rappreżentanti tal-post tax-xogħol tiegħek.



Sir af aktar

Fuq il-paġna web tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, tista' ssib il-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħek u tikseb parir.

<https://www.ela.europa.eu>



L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol
Landererova 12, 811 09 Bratislava I, Slovakkja



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

© Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2025

Print ISBN 978-92-9415-213-8 doi:10.2883/8434102 HP-01-25-025-MT-C

PDF ISBN 978-92-9415-212-1 doi:10.2883/6668077 HP-01-25-025-MT-N

Qoxra, © Gorodenkoff/stock.adobe.com; © JackF/stock.adobe.com; © wave-break3/stock.adobe.com. Il-paġni ta' ġewwa, © K Seisa/peopleimages.com/stock.adobe.com; © New Africa/stock.adobe.com